HAL TARXIEN

## Il- laqgħa Nru 46/06 tas-Sitt Legislatura 2008-2013
## saret nhar
## l-Erbgħa 20 ta' Gunju 2012 fil-5.30pm
## fl-Uffiċċji Amministrattivi
## f'73, Triq Santa Marija, Tarxien

**Prezenti għal-Laqgħa:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Vici Sindku |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sinj. L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sur F. Chircop | A/ Segr. Ezekuttiv |
| Is-Sinj. C. Lanzon | Kunsilliera |

**Skuzat/a:-** Xejn

## Aġenda:-

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti.
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluz Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji- Skeda ta'Pagamenti Nru 45/06 għax-xahar ta'Mejju 2012.
4. Jum Hal Tarxien
5. Rapport mill-Kunsilliera.
6. Hwejjeħżġ oħra.

Għeluq tal-Laqgħa

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGHA

1 ***Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-laqgħa tas-seduta 45 ittieħdu bhala moqrija peress li ġew cirkulati minn qabel.Wara li l-minuti ġew approvati unanimament, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill- Aġent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Frans Chircop. Approvazzjoni tal-minuti

2 ***Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluz korrispondenza)***

Fuq il-progett tal-ERDF, is-Sindku Paul Farrugia spjega li kull ma' jonqos huwa biss li nistennew il-permess mingħand tal-MEPA għall bankina ta'quddiem il-lattrina. Is-Sindku nforma lill Kunsill li huwa kellem lill kuntrattur biex jibda jwaħħal li *street furniture*. Progett ERDF

Fuq it- tieni parti tal- progett ERDF, is-Sur Paul Farrugia qal li minn-naħa tal-MEPA bħala permessi, kollox gie approvat. Huwa kompla jgħid li tal-Heritage Malta qalu li ma' kienux informati li ser jibda x-xoghol. Billi mill-bidu tal-proġett kienu involuti żewg periti differenti kien hemm nuqqas ta' ftehim bejniethom u għaldaqstant kellhom isiru diversi laqgħat biex ikun hemm arrangement ta'min kellu jieħu ħsieb id-diversi xogħolijiet. Dan minħabba li wieħed kellu jgħamel il-*method statement* u l-ieħor kellu jgħamel il-*programme of work*. Permess MEPA 4194/10

Devoluzzjoni tal-art f'Luqa Road. Is-Sindku nforma lill Kunsill li intbgħatet l-informazzjoni kollha biex inmexxu fuq id-devoluzzjoni lil Onor. Jason Azzopardi. Luqa Road

Rigward il-proġett tal- Public Private Partnership, is-Sindku Paul Farrugia spjega li għall-aħħar ta'Ġunju 2012 ser jibda x-xogħol fuq l-ewwel fazi ta'toroq li għandhom isiru f'Hal Tarxien. PPP

Rigward il-bandli ġodda, dawn bdew jeħlu u inbidel ukoll *is-safety matt* ta' taħt il-bandli. Ta'minn isemmi li l-art mogħottija b'dan is-*safety matt* issa kibret b'erba'metri u għaldaqstant it-tfal li juzaw il-bandli għandhom aktar sikurezza skont kif mitlub mill-*istandards Committee.* Bandli

Rigward il-ktieb tas-Sur Peter Caruana saret laqgħa mal-Viċi Sindku u ġie diskuss kif għandu jitkompla x-xogħol għall pubblikazzjoni ta'dan il-ktieb. Lura fiz-Zmien

Is-Sindku Paul Farrugia poġġa għad-disposizzjoni tal-Kusnilliera ritratti u dokumenti uffiċjali fejn juri li l-Van l-antik tal-Kunsill ġie skrapjat kif titlob il-liġi. Van tal-Kunsill

Xogħol fi Gnien Joan Garden. Is-Sindku qal li l-arbli u l-bankijiet inżebgħu kollha, Kull ma'jonqos huma t-tiswijiet fuq il-*Gazebo* tal-injam fl-istess ġnien. Joan Garden

Is-Sinjura Claudine Lanzon daħlet fil-laqgħa għas-1830.

Rigward sqaqien oħra f'Ħal Tarxien. Is-Sindku qal lill Kunsill li diversi nies staqsewħ meta ser jibda'x-xogħol fuq l-isqaq tagħhom, bħal ma'sar fi Sqaq No1. Santa Marija. Dan juri biċ-ċar li x-xogħol intgħoġob u jawgura tajjeb.

Sqaq No1 Santa Marija

Dwar xogħol fuq it-tender tal-Housing. Is-Sindku qal li qiegħed għall-diversi drabi jipprova jitkellem mal–kuntrattur pero għall xi raġuni qed ikun ħafna diffiċli biex jinżamm komunikat ta'x'ħidma qed issir fuq ix-xgħol relatat ma'din it-tender. Għalhekk is-Sindku talab lis-segretarju biex ikellem lill kuntrattur fuq dan ir-rigward.

Tender tal-Housing

Il-ħaddiema tal-Kunsill talbu lis-Sindku biex jekk il-kuntrattur minn fejn inkera l-van tal-Kunsill ikollu van iżgħar, dan għandu jinbidel. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien ġab il-van skont it-tender maħruġa mill-Kunsill, pero instab li huwa kbir aktar mill van ta'qabel u l-ħaddiema qed isibuha diffiċli jsuqu fit-toroq ta'Ħal Tarxien. Għaldaqstant is-sindku spjega li l-van kien skont it-tender pero minkejja dan, kien ġa kellem lill kuntattur biex kif ikollu van ieħor iżgħar, dan jinbidel.

Van mikri tal-Kunsill

Billi fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien ġie deċiż li ssir stqarrija fuq il-*Mosquito Device* u dan l-aħħar wara li kienu ġew sottomessi lid-dipartimenti dawk id-dokumenti kollha mitluba, fuq *safety and conformity* - ma'kienx hemm aktar mistoqsijiet, ġie deċiż li l-istqarrija ma'ssir xejn.

Mosquito Device

Rigward l-ittra mingħand is-Sur Martin Felice, l-Kunsill ġie nfurmat li għaddiet għand l-avukat biex jittieħdu passi legali fuq il-każ.

Passi legali

Fuq il-*Bus Shelter* – intbgħatet emejl lil Transport Malta fuq dan ir-rigward. Intqal li *l-bus stop* l-antik inqala' wara ordni diretta mingħand l-istess Transport Malta.

*Bus Shelter*

Fuq ix-Xelter tal-Gwerra, s- Sindku Paul Farrugia qal li tlesta x-xogħol tad-dawl kollu fix-xelter u ser jibda wkoll xogħol relatat mat-tindif mill- ġebel li hemm fih.

Xelter ta-Gwerra

Tender tar-*resurfacing* TLC 007/2012. Is-Sindku qal il-Perit tal-Kunsill għadu ma'bagħatx ir-rapport tal-aġġudikazzjoni fuq it-tender.

Tender tar-Resurfacing

Ġieħ Ħal Tarxien. Kien hemm tlieta nominzjonijiet mitfugħin sa'nhar il-ġimgħa. It-Tnejn filgħodu kellem lis-sindku, s-Sur Cleavon Vella- fejn qallu li ma'lahaqx igib nominazzjoni. Għaldaqstant is-Sindku qal li huwa avzaħ mill-ewwel li nominazzjonijiet li jaslu tard mhux ser ikunu aċċettati. F'dan ir-rigward is-Sindku talab biex jinħatar il-bord tal-għażla u talab lis-segretarju biex iċempel lill għaqdiet ħalli jinnominaw persuna waħda mill għaqda tagħhom biex tippresjedi fuq dan il-bord tal-għażla. Il-bord ser jitltaqa' nhar is-sibt 23 ta'Gunju fid-9.30am.

Ġieħ u Unur Hal Tarxien

Rigward il-konkors letterarju s-Sindku qal li ħa ħsieb il-Viċi Sindku u rigward il-fuljett ta' Jum Ħal Tarxien, tqassmu mis-Sur Joseph Abela.

Konkors letterarju.

**Programm tal-inawgurazzjoni tax-xelter**. Is-Sindku Paul Farrugia prezenta program tal-ftuħ tax-Xelter u talab lill Kunsilliera biex jgħatu l-idejat tagħhom u għaldaqstant wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu fuq x'għandhom ikunu l-attivitajiet ta' din l-okkażjoni li kien preżenta s-Sindku.

Programm tal-inawgurazzjoni.

Is-Sindku kompla l-laqgħa billi spjega lill Kunsilliera li kien irċieva telefonata biex jirraporta d-depot tal-pulizijia ħalli jitkellem mal-ispettur. L-ispettur minn naħa tagħħa qaltlu li kien kitbilha s-segretarju tal-Kunsill ta'qabel fuq xi xogħolijiet relatati mar-roundabout li kienu saru qabel. Is-Sindku spjega lill Kunsill li bil-qorti kien spiċċa kollox u għaldaqstant kien kellem ukoll lill avukat. L-ispettur Mercieca kellmu fuq ix-xogħol tar-roundabout u affarijiet oħra li tpoġġew quddiem il-kunsilliera għad-disposizzjoni tagħhom. Is-Sindku spjega li dak iż-żmien li l-ispettur kienet qed isemmi, huwa kien imsiefer u kien is-Sur Maurice Mallia li kien qed jissorvelja x-xogħol tal-Kunsill. Kaz ieħor kien dwar il-kwistjoni li kien hemm ma' kuntrattur tal-ġonna. Is-sindku spjega lill ispettur li l-kunsill kien għaġixxa fuq l-ordni tad-dipariment tal Kunsill Lokali. Għaldaqstant huwa iffirma r-rapport skont l-istatement li għamel.

Rapport tal-pulizija.

Każ L 0203

***Rigward ir-rapport tal-Ombudsman fuq il-kaz numru L 0203,*** is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva e-mail mingħand id-dipartiment mingħand is-Sur Adrian Mifsud li kienu ser jaqtgħu l-flus jekk ma' jkunx rifondut l-ammont dovut lis-segretarju preċedenti. Is-Sindku kellem lill-avukat dwar dawn u l-avukat ikkomunika ma'Adrian Mifsud. Billi skont l-istess rapport iż-żewg partijiet għandhom tort, is-Sindku qal li ntbagħtet talba lill-istess Ombudsman biex jikkonferma kemm huwa s-sehem tal-Kunsill li għandu jirrifondi.

Sikurezza fuq il-progett ERDF

***Cameras* fuq il-progett tal-ERDF**. Wara diskussjoni qasira fuq jekk għandux jigu mwaħħla *cameras* ta'sorveljanża fuq il-proġett tal-ERDF, is-Sindku nforma lill Kunsill li huwa kien ġa' talab xi kwotazzjonijiet biex ikun jaf l-ispejjes involuti għall dan it-tip ta'servizz. Huwa qal li hemm soluzzjoni oħra għall din il-problema-li jingħalaq il-ġnien b'*fence*. F'dan ir-rigward sar il-qbil biex tiġi evalwata din il-possibilta aktar il-quddiem u terġa'tiġi diskussa fil-Kunsill.

2(a) ***Korrispondenza.***

Is-Sindku spjega li rċieva ittra mingħand is-Sur Qasha minħabba n-nomina tiegħu ta'Ġieħ Hal Tarxien, tas-sena l-oħra. |s-Sur Qasha fl-ittra tiegħu qal li dakinhar ma' ingħatax irċevuta, u kienet bi żball min-naħa tiegħu li d-data kienet wara li għalqu n-nominazzjonijiet. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill iddeċieda li għanda tinbgħat risposta lis-Sur Qasha li billi ma'kienx hemm *l-envelope* mall-ittra u li l-istess ittra kif qal is-Sur Qasha stess ma'ntbagħtitx bil-posta, ma' hemm l-ebda prova ta'meta waslet l-ittra fil-Kunsill.

Is-Sindku qal ukoll li kien hemm xi kunsillier li għamel komunikat mas-Sur Qasha sabiex giet miktuba din l-ittra inkwistjoni.

Ilment tas-Sur Qasha.

3 ***Skeda tal-Pagamenti. Numru 45/06***

Is-Sindku staqsa jekk hemmx minn jixtieq jistaqsi xi ħaġa. Billi ma'kienx hemm mistoqsijiet talab għall-approvazzjoni tal-ħlasijiet u ġew approvati nem con.

Skeda tal-Hlasijiet.

4 ***Jum Hal Tarxien***

Is-Sindku Paul Farrugia spjega kif ser tkun imqassma l-ġurnata tal- attivitajiet għall Jum Hal Tarxien. Il-Viċi Sindku- Frans Agius fakkar li din is-sena l-prezentazzjoni tal-konkors letterarju ser isir il-Hadd filgħodu.

Dwar Gieħ Hal Tarxien, is-Sindku beda biex jaqra n-nominazzjonijiet li kienu tlieta. L-ewwel nominazzjoni kienet għas-Sur Joseph Abela. It-Tieni nominazzjoni kienet għas-Sur George Mallia , filwaqt li t-tielet nominazzjoni għas-Sur Anthony Cassar. Tkompliet il-laqgħa billi nqara għaliex kull wieħed minn dawn kien ġie proponut biex jingħata Gieħ Hal Tarxien.

Wara li saret diskussjoni qasira ta' kif għandhom jimxu fl-għazla tal-premju Gieħ Hal Tarxien, sar qbil ukoll biex is-segretarju jċempel lill Presidenti u Segretarji tal-Għaqdiet f'Hal Tarxien sabiex ikunu fil-bord u jieħdu deċizjoni nhar is-Sibt fid 9.30 ta'filgħodu ġewwa l-Kunsill.

Programm ta'Jum Hal Tarxien.

Nominazzjonijiet – Jum Hal Tarxien.

***Hwejjeġ Ohra.***

***Hatra ta' bord tal-interviews – Skrivan/a Part-Time***

Is-Sindku talab lill Kunsilliera kollha biex min jixtieq jkun fil- bord tal-għazla ħalli tinħatar skrivan/a part-time ġdida jgħati ismu. Għaldaqstant urew ix-xewqa li jkunu parti mill-bord tal-għazla s-Sindku- Paul Farrugia, l-Vici Sindku - Frans Agius, Kunsillier Ismael Dalli u s-Segretarju tal-Kunsill.

Bord tal-għazla.

5 ***Rapport tal-Kunsilliera.*** Rapporti.

***Keith Darmanin***. Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li kien organizza laqgħa oħra fuq in-*neighbourhood watch* u li b'kollox s'issa kienu ġa saru 28 laqgħa. Huwa nforma wkoll lill Kunsill li kellu laqgħa oħra mal-ispettur tal-Pulizija li nfurmaħ li ser tibda ssir sorveljanza fil-ġonna madwar Hal Tarxien kollu. Il-Kunsillier Darmanin xtaq jipproponi li s-sinjura li tgħallem *l-aerobics* tkun tista'tagħmel sessjoni fil ground tal 5- a-side. L-aktar ammont ta'nies jipparteċipaw f'dawn is-sessjonijiet huwa ta' 50 ruħ u l- ħlas mhux aktar minn €100. Għall dan il-għan il-Kunsillier Keith Darmanin irringrażżja lill Kunsilliera għan-nom tar-residenti talli għoġobhom jippermettu l-użu tal-ground tal-5 a-side. Għaldaqstant billi kien hemm il-qbil fuq dan, Keith Darmanin ser jibda jieħu ħsieb din l-inizjattiva.

***Frans Agius.*** Il-Viċi Sindku- Frans Agius beda biex ippreżenta r-riżultat tal-Konkors Letterarju 2012. Il-parteċipanti kienu, is-Sur Joesph Farrugia, is-Sur Alfred Massa u s-Sur Rennie Mercieca.

Il-Viċi Sindku semma' li l-laqgħa ta'diskussjoni mid-dipartiment tal-Konsumatur għandhom jibdew fl-Lulju . Għall dan il-għan ser isiru l-avvizi fil-knejjes. Rigward il-lejla Muzika Letterarja li tiġi organizzata kull sena, huwa qal li trid tingħazel ġurnata f'Awissu. Għalhekk għanda tingħazel data aktar il-quddiem. Fuq iż-żjara tat-Tempji ta'Hal Tarxien li għalihom ingħatajna l-biljetti b'xejn mingħand il-Heritage Malta, l-Viċi Sindku talab lill Kunsilliera biex iħeġġu lin-nies jipparteċipaw aktar.

***Lawrence Bonavaia*** Is-Sur Lawrence Bonavia spjega li kien ipparteċipa fis-7th *Action Programme* tal-Unjoni Ewropeja. Huwa qal li l-laqgħa kienet interessanti ferm pero huwa jara li hemm ftit affarijiet li jistgħu jsiru mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal ukoll li ser jattendi l-laqgħa tal-MUESEAC dwar l-ippakkeġġar tal-*waste.*

***Doris Vella.*** Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li_nhar is-sibt ser tiġi organizzata ħarġa mat-tfal. Hija qalet ukoll li kienu nkitbu 24 persuna għall-attivtia li ser issir f' Popeye Village. Il-Kunsilliera Vella kompliet tgħid li fil- 5 ta'Lulju s-sotto kumitat organizza ħarga għal-Għawdex. Il-prezz tal-kbar 15 ewro u l-prezz tat-tfal 10 ewro. Fl-istess ħarga huma mistennija jmorru x-Xlendi u Marsalforn.

***Claudine Lanzon***. Il-kors tal- *Parental Skills* ma' sarx għax waħda biss uriet l-intenzjoni li tipparteċipa. Hija kompliet tgħid li għal-laqgħa ta'diskussjoni fuq il-*breast cancer* attendew tnejn biss. Fuq il-wirja tat-tpinġija bis-suġġett tal-Kunjomijiet –gie deċiz li din tittella fil-wirja tal-passatempi.

***<u>Sindku-Paul Farrugia</u>***: Huwa qal li ġiet organiżżata l-ħarġa tal-anżjani fid-*Danish Village*. Huwa kompla jgħid li t-tlitt attivitajiet li jmiss ser jiġu organiżżati f'Ħal Tarxien stess minħabba is-sħana, ħalli b'hekk jiġi evitat l-iskariġġ tat-trasport lill anżjani.

Is-seduta aġġornat fid-2045. Aġġornament

Laqgħa oħra li jmiss l-erbgħa 25 ta' Lulju 2012

**Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ**
**Kav u Sindku**

**Frans Chircop**
**A/ Segretarju**